MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 416/2014

Appell Nru: 416/2014

Il-Pulizja

Vs

George Camenzuli

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat George Camenzuli, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 691757M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

nhar il-10 ta' Jannar 2003 fir-Rabat jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati u cioe biljett ta' Lm10, liema biljett hu kien jaf li huma falsifikati;
2. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli, xtara jew irċieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati;
3. U aktar talli fl-istess data ġewwa Ħal Balzan ikkommetta serq ta' ċwievet li jiswew aktar minn Lm10 b'detriment ta' Joseph Bartolo.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-7 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mill-akkuza dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti **tħassar** u **tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellat **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u konsegwentement tinfliġġi piena li hija ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' George Camenzuli esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-erbatax (14) ta' Ottubru tal-elfejn u erbatax (2014) l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi hekk kif ser jiġi spjegat;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u dana stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellat mill-akkużi <u>kollha</u> dedotti kontra tiegħu mill-Prosekuzzjoni fuq kunsiderazzjonijiet li bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti m'humiex ċari kif ukoll ma jirrelatawx u ma jindirizzawx l-akkużi kollha;

Illi fl-umli fehma tal-esponent l-prosekuzzjoni resqet provi b'saħħithom biżżejjed u inekwivoki fir-rigward tas-serq taċ-ċwievet permezz ta' xhud okulari Frances Grixti fejn kull darba li tat stqarrija jew xehdet baqgħet dejjem u l-ħin kollu konsistenti fil-verżjoni tagħha fejn dejjem sostniet b'ċertezza u mingħajx l-ebda dubbju li rat b'għajnejha stess lill-appellat jieħu l-mazz taċ-ċwievet mertu tal-każ odjern. Madankollu jidher li l-Ewwel Qorti skartat tali xiehda għal-kollox fejn għalkemm saret referenza għal-artikoli relatati mas-serq fid-deċide ma saret l-ebda referenza għas-serq de quo u wisq aktar ir-raġuni għaliex ma nstabx ħati tas-serq de quo;

Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-Ewwel Qorti straħet fuq żewġ kunsiderazzjonijiet sabiex ddeċidiet l-ġudizzju tagħha, dik taż-żewġ verżjonijiet tal-prosekuzzjoni u tal-imputat, kif ukoll dik ta' trapass taż-żmien marbuta mal-ammont ta' flus in kwistjoni bħala saħħa monetarja. Minn qari tas-sentenza joħroġ ċar li l-Ewwel Qorti ma skreditat l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ verżjonijiet iżda qalet li għalkemm il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni hija kredibbli, tal-imputat hija aktar veritiera kwindi jidher li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tistrieħ biss fuq tali verżjonijiet. Fir-rigward tat-tieni kunsiderazzjoni l-Qorti għamlet referenza kemm għat-trapass taż-żmien kif ukoll għall-ammont trivjali ta' Lm10 għaż-żmien tal-lum;

Illi bl-akbar rispett lejn l-Ewwel Qorti fir-rigward tat-trapass taż-żmien li, se mai dan għandu jaffettwa l-piena u mhux il-ħtija o meno, żgur li ma kienx kaġun ta' xi nuqqas mill-prosekuzzjoni għax jidher mill-verbali illi l-imputat għamel żmien assenti u ma setgħax jiġi ntraċċat, li bħala stat ta' fatt waħdu żgur m'għandux jimmilita favur l-istess appellat, u konsegwentement ma jreġix li l-Qorti tgħid li Lm10 illum għandha ammont trivjali peress li hu x'inhu l-ammont xorta waħda jibqa' reat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-hdax (11) ta' Jannar tal-elfejn u tlieta (2003) Joseph Bartolo irrapporta gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Joseph Cordina li l-gurnata ta' qabel l-appellat George Camenzuli kien tah ghaxar liri falza. Irrapporta ukoll illi dakinhar kien sab ic-cwievet neqsin wara li kien hallihom warajh fi Three Villages Bar gewwa Hal Balzan

fejn xhud okulari, Frances Grixti, qalet illi rat lill-appellat jehodhom. Ghalhemm l-ghaxar liri effettivament inghataw lura lis-Sur Bartolo, ic-cwievet baqa' ma hadhomx.

Ghalhekk il-pulizija ressqu lill-appellat il-Qorti u b'sentenza moghtija fis-sebgha (7) ta' Ottubru tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 72) il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-appellat mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u ma haditx in konsiderazzjoni t-tielet akkuza dik ta' serq semplici.

Ikkunsidrat:

Hu ormai principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi r-rwol taghha huwa dak illi taghmel apprezzament approfondit tal-provi illi tressqu quddiem l-ewwel Qorti u tara jekk dik il-Qorti kinitx ragjonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha. Hekk qalet il-kawza "Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Dicembru 1994, "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell huwa bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat ...". Minn ezami akkurat tas-sentenza jidher illi l-ewwel Qorti ma kinitx daqshekk cara fid-deliberazzjonijiet taghha peress illi jidher illi emmnet iz-zewg verzjonijiet, iddikjarat il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni bhala kredibbli però ukoll il-verzjoni tal-appellat bhala aktar veritiera minghajr ma dahlet aktar fil-fond biex tghid ghaliex kienet ser taghzel wahda u mhux l-ohra.

Il-ligi taghna taghti linja gwida ta' kif ghandha l-Qorti tikkonsidra sitwazzjoni bhala din u dawn insibuhom fl-artikolu 637 tal-Kap 9. Fil-kawza Il-Pulizija versus Joseph Thorn, Appell kriminali 9 ta' Lulju 2003 intqal, "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-

Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux." Din il-konkluzjoni mhiex sodisfatta semplicement bid-dikjarazzjoni li inti qed temmen verzjoni u mhux ohra minghajr ma taghti r-ragunijiet ghalxiex. F'dan il-kaz jirrizulta car illi l-appellat kien fil-pussess volut ta' ghaxar liri falza u dan volontarjament ghaddiha lis-Sur Bartolo bhala hlas. Minkejja illi s-Sur Bartolo gie rizarcit ghal dan il-hlas indebitu, ma jfissirx illi b'daqshekk ma sarx ir-reat nonostante t-trapass taz-zmien.

Hemm ukoll it-tielet akkuza dak ta' serq semplici fejn ix-xhieda kategorika ta' Frances Grixti illi rat lill-appellat jiehu dawn ic-cwievet meta kien fi Three Villages Bar gewwa Hal Balzan. Fuq din it-tielet akkuza l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda kumment minkejja illi irreferiet ghall-artikolu tal-ligi koncernati. Din il-Qorti kienet tippretendi illi jekk l-ewwel Qorti kienet ukoll qed tillilbera minn din l-akkuza kellha tghid dan u tghid ir-ragunijiet ghaliex. Dawn però huma kollha karenti. Lanqas din il-Qorti ma jidhrilha illi l-Prosekuzzjoni kellha tkun pregudikata ghas-semplici fatt illi din il-kawza hadet it-tul ta' zmien. Dan ma kienx tort taghha izda kien tort esklussivament tal-appellat illi kien imsiefer jew inkella ma setax jigi rintraccat. Dan huwa nuqqas tieghu u ma jistax jiggwadanja vantagg minn dan in-nuqqas. Dan skont it-taghlim ta' Dritt Ruman li "Nullus commodum capere potest de injuria sua propria".

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Din ma kinitx raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u ibbazata fuq il-fatti. F'dan il-kaz ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti u tilqa' l-appell tal-Avukat Generali. Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 45, 46 tal-Kap 204 u l-artikolu 261, 284 u 285 tal-Kap 9, tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur b'dana però wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn.

## < Sentenza Finali >

----------------------------------TMIEM----------------------------------